**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Jannar, 2017**

Kawza Numru: 126/2016JB

Numru: 2

**One Blue Lemon Limited (C35631)**

***vs***

**Printshop Limited (C52250)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-4 ta' April 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erbat elef, erba' mija u tmienja u tletin euro (€4,438) dovuti bhala hlas ta' materjal pubblicitarju pprovdut lis-Socjeta Konvenuta. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 1741/2014 u tal-mandat ta' qbid numru 34/2015 oltre ghall-imghax kummercjali;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-9 ta' Mejju 2016 (a fol 3);

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti (a fol 28, 30 u 32), is-Socjeta Konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-smigh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*".  Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li s-Socjeta Konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €4,438 bl-imghax kummercjali skond il-ligi.  Spejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 1741/2014 u tal-mandat ta' qbid numru 34/2015, a karigu tas-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*